KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4


# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 20 TAL-10 LEĠISLATURA TAL-KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Laqgħa ssejħet għal nhar il-Ħamis, 25 ta' Settembru 2025, fil-17.30, bl-aġenda segwenti:

## AĠENDA 20

20.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija;

20.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 19;

20.3 Punti mill-minuti;

20.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

20.5 Proposta ta' kuntratt ġdid tal-kera tal-uffiċċju;

20.6 Informazzjoni u deċiżjoni dwar l-użu ta' l-uffiċċju tal-Kunsill għat-tiġdid ta' ID cards.

20.7 Deċiżjoni dwar grad/skala tal-ħaddiema li għandhom jiġu mpjegati mal-Kunsill Lokali.

20.8 Għażla ta' proposti milqugħa għat-tiżjin tal-Milied.

20.9 Rotot tas-servizz tat-trasport pubbliku proposti minħabba xogħolijiet fil pjazza ta' Buġibba.

20.10 Xogħolijiet fi Triq Cassarino, parti minn Triq it-Turisti u toroq madwar (WSC).

20.11 Proposti dwar l-Air Show (27 u 28 ta' Settembru).

20.12 Proposta ta' żvilupp - PA5607/25 (Xemxija) / PA 5252/25 (Burmarrad).

20.13 Ħlasijiet ta' permess u kontribuzzjonijiet marbuta maċ-ċentru ċiviku - Awtorità tal-Ippjanar.

20.14 Segwitu tal-laqgħa - Federazzjoni għat-Tkabbir tat-Tonn.

20.15 Propost ta' Project Green, għal żvilupp/titjib tal- *Water Park,* Buġibba.

20.16 Proposta għall-għeluq ta' toroq (darba fix-xahar) - Attivitajiet għat-tfal.

20.17 Proposta ta' attivitajiet/ħarġiet għall-anzjani.

20.18 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

20.19 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi;

20.20 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti ;

20.21 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs.

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| Alexander Aguis | *Kunsillier* | Daryl Connor | *Kunsillier* |
| Rachel Williams | *Kunsilliera* | Sandra Gauci | *Kunsilliera* |
| Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* | Mary Borg | *Kunsilliera* |
| Clevion Micallef | *Kunsillier* | Anne Marie Fenech | *Kunsilliera* |
| Joseph Matthew Attard | *Kunsillier* | Raymond Tabone | *Kunsillier* |

**20.1** **Qari ta' ittri t'apoloġija**

Is-Sindku, is-Sur Censu Galea, fetaħ il-laqgħa fis-17:30, billi qara ittra t'apoloġija mingħand il-membru –il- Kunsillier Alan Bugeja;

**Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 19**

**20.2** Il-Kunsillier Daryl Connor irrimarka li kien hemm xi żbalji minuri fuq xi kunjomijiet ta' xi membri li saret referenza għalijhom, u dan ġie korrett.
L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-Laqgħa Numru 19, peress li ma kienx materjalment possibbli li jiġu ppreparati u mqassma minn qabel minħabba impenji oħra, kemm lokali kif ukoll barra minn Malta.
Meta inqraw il-minuti u ġew diskuss parti li kienet jikkonċernaw l-mozzjonijiet ippreżentati mill-Kunsilliera Sandra Gauci dwar Eco Tax relatata ma bed nights, il-Kunsillier Raymond Tabone enfasizza li dawk li ma qablux ma' din il-mozzjoni esprimew ix-xewqa li tinbidel il-forma kif kienet ippreżentata, u li xtaqu li issir talba għal aktar proġetti fil-lokalita'.

Fuq il-mozzjoni ppreżentata mill-Kunsilliera Sandra Gauci dwar posta mhux mitluba (unsolicited mail), il-Kunsillier Raymond Tabone żied jgħid li kien semma li jitqasmu stickers jew materjal simili lir-residenti kollha sabiex jindikaw jekk dawn ma jixtiequx jirċievu posta mhux mitluba.

Dawn il-korrezzjonijiet saru, u l-minuti ġew approvati unanimament. Il-proponent kienet il-Kunsilliera Rachel Williams u kienet sekondata mill-Kunsilliera Sandra Gauci.

**Punti mill-minuti**

**20.3**

Is-Sindku beda billi ddiskuta numru ta' talbiet għal għajnuna finanzjarja minn diversi organizzazzjonijiet, relatati ma' avvenimenti fosthom mill-JP2 Foundation u l-FSWS. Il-Kunsill se jitlob aktar dettalji, peress li xi wħud mit-talbiet ġew ikkunsidrati bħala onerużi wisq.

Is-Sindku Ċensu Galea semma wkoll il-każ pendenti relatat mas-soluzzjoni tal-kawża ta' Fra Ben. Huwa spjega li xi wħud mill-ħames partijiet involuti fil-kawża huma lesti jħallsu sehemhom, filwaqt li informalment jidher li s-sitwazzjoni mal- partijiet l-oħra fil kawża resqet iżjed viċin għal konklużjoni.

Kif indikat fil-laqgħa li għaddiet, il-Kunsillier Joseph Matthew Attard ippreżenta ftehim li diġà jeżisti bejn kunsill lokali u każini fil-lokalita tal-Mellieħa. Kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsillier Clevion Micallef ltaqa' mar-rappreżentanti tas-Soċjetà Mużikali San Pawl ta' San Pawl il-Baħar, biex jiġi riżolt xi nuqqas ta' ftehim fir-rigward tat-talba għal għajnuna finanzjarja.

Il-Kunsillier Micallef qara l-korrispondenza mis-soċjetà mużikali biex jispjega s-servizzi mużikali (ħamsa) li dawn huma lesti jipprovdu għall-attivitajiet tal-Milied, li jinkludu bejn 25

u 30 bandist għal sagħtejn, bi spiża ta' €1400 kull servizz. Is-soċjetà mużikali ssuġġeriet ukoll sensiela ta' dati u toroq fejn dawn is-servizzi jistgħu jsiru.

Il-Kunsillier Micallef ippreżenta wkoll numru ta' eżempji ta' spejjeż li jħallsu kunsilli lokali oħra lill-każini rispettivi tagħhom għal servizzi simili.

Is-Sindku spjega li, bħala kunsill lokali, il-kunsiderazzjoni ta' tali għajnuna finanzjarja trid titqies ukoll fid-dawl ta' aspetti oħra, bħall-ħlasijiet ta' uffiċjali ta' infurzar waqt dawn is-servizzi kif meħtieġ, u aspetti oħra relatati mal-attivitajiet tal-Milied.

Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizza li waqt li l-Kunsill Lokali dejjem ipprova jassisti lill-organizzazzjonijiet fil-lokalità, jistenna li kwalunkwe nuqqas ta' qbil isir permezz tal-kanali uffiċjali u mhux fuq il-midja soċjali, speċjalment meta dan ma jkunx ġustifikat.

Il-Kunsill Lokali qabel li tingħata din l-assistenza kif sar fis-snin preċedenti. Parir dwar ir-regolamenti u l-linji gwida tal-*procurment* se jinkiseb, minħabba n-natura kulturali ta' dawn l-aspetti.

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tas-servizzi mużikali tal-Milied, kif proposti mis-Soċjetà Mużikali San Pawl ta' San Pawl il-Baħar. Il- Kunsillier Clevion Micallef issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**20.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku spjega li l-iskejjel bagħtu lill-Kunsill verżjoni aġġornata tal-Standard Operating Procedure (SOP) li tikkonċerna l-użu tal-binjiet tal-iskola għal attivitajiet. Din tinkludi serje ta' pagamenti relatati mal-manutenzjoni, l-assigurazzjoni u aspetti oħra.

Il-Kunsillier Clevion Micallef issuġġerixxa li l-Kunsill Lokali jikkunsidra l-possibbiltà li juża l-faċilitajiet tal-iskola għall-attivitajiet tat-tfal b'bżonnijiet speċjali matul il-vaganzi tas-sajf.

Il-Kunsill Lokali rċieva wkoll talba għal għajnuna mingħand għalliem/a ta' Zumba, sabiex jingħata assistenza biex jitmexxew klassijiet fil-lokalità. Il-Kunsill qabel li jitlob aktar informazzjoni u jikkunsidra din it-talba skont iċ-ċirkostanzi.

Is-Sindku kompla billi ddiskuta tliet każijiet legali li ilhom pendenti għal żmien twil. Il-Kunsill talab parir legali. L-avukat tal-Kunsill issuġġerixxa li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu solvuti b'mod definittiv. Il-Kunsilliera kollha qablu, li jiġi segwit dan il parir legali.

Il-Kunsillier Raymond Tabone propona, u l-Kunsillier Chris Vella Petroni sekonda, li l-kwistjoni relatata ma' Dimbros Ltd (€34,071.51) tiġi solvuta kif issuġġerit mill-Avukat tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Il-Kunsilliera Rachel Williams proponiet, u l-Kunsilliera Sandra Smart Costantino sekondat, li l-kwistjoni relatata ma' RockCut Ltd (€18,984) tiġi trattata skont il-parir legali. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Il-Kunsillier Raymond Tabone propona, u l-Kunsilliera Anne Fenech sekondat, li l-kwistjoni relatata ma' Road Services Ltd (€51,830 relatata ma' Tender T09/2019) tiġi solvuta kif issuġġerit mill-Avukat tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

*Mistoqsijiet mill-Kunsilliera*

Il-Kunsillier Raymond Tabone staqsa dwar laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli u esprima x-xewqa tiegħu li jattendi. Is-Sindku ma kellux ebda diffikultà jaċċetta din it-talba.

**20.5 Proposta ta' kuntratt ġdid tal-kera tal-uffiċċju**

Is-Sindku spjega li l-kuntratt il-ġdid ġie finalizzat u se jingħata lill-avukat tal-Kunsill għall-aħħar verifika, biex imbagħad jiġi ffirmat.

**20.6 Informazzjoni u deċiżjoni dwar l-użu ta' l-uffiċċju tal-Kunsill għat-tiġdid ta' ID cards:**

Is-Sindku qal li uffiċjali minn Identity Malta żaru l-bini tal-Kunsill Lokali sabiex jippermettu lir-residenti jġeddu u jiġbru l-karti tal-identità tagħhom. Id-dati għadhom se jiġu kkonfermati, peress li dan il-proċess se jinkludi ħinijiet estiżi tal-uffiċċju.

**20.7 Deċiżjoni dwar grad/skala tal-ħaddiema li għandhom jiġu mpjegati mal-Kunsill Lokali:**

Is-Sindku ddiskuta l-kwistjoni ta' impjegati ġodda mal-Kunsill Lokali sabiex jindirizza l-problemi reċenti relatati man-nuqqas ta' ħaddiema, kemm dawk li jaħdmu fl-uffiċċju kif ukoll dawk li jaħdmu fuq barra.

Saret diskussjoni dwar din il-kwistjoni, inkluża l-possibbiltà li jiġu riveduti l-kwalifiki meħtieġa. Is-Sindku talab li sabiex kemm jista' jkun, isir dak kollu li hemm bżonn, jiġu reklutati tliet scrivana (Skala 15 u 16) u tlett ħaddiema operattivi (Skala 20).

Il-Kunsill assigura l-finanzjament meħtieġ għal dawn l-impjiegi. Il-Kunsilliera Rachel Williams proponiet, u l-Kunsilliera Sandra Smart Costantino sekondat. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**20.8 Għażla ta' proposti milqugħa għat-tiżjin tal-Milied:**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-*Request for Quotation (RfQ)* maħruġ għall-dekorazzjonijiet tal-Milied issa ngħalaq, u li l-bidders kollha ħadu dak li kwotaw għalih. Għaldaqstant, ma kien hemm l-ebda bidders li kwotaw għal l-istess offerta.

Il-Kunsill kollu qabel ma' dan il-proċess. Il-Kunsilliera Sandra Smart Costantino proponiet, u l-Kunsilliera Mary Bord sekondat. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**20.9 Rotot tas-servizz tat-trasport pubbliku proposti minħabba xogħolijiet fil pjazza ta' Buġibba:**

Is-Sindku ħabbar li Pjazza Buġibba se tingħalaq mill-1 ta' Ottubru għal perjodu minimu ta' erba' xhur. Saret diskussjoni dwar dan is-suġġett, inkluż is-servizz tat-trasport pubbliku u d-devjazzjonijiet relatati.

Ma jsirux tibdiliet fir-rotot eżistenti li joħorġu mil-lokalità. Madankollu, għall-vetturi tat-trasport pubbliku li jkunu dieħla fil-lokalità, ħlief għal żewġ rotot, kollha se jidħlu minn Triq Wileg, madwar Dawret il-Qawra.

Se jiġu introdotti servizzi ta' shuttle *mini bus* sabiex jiġi żgurat li t-tfixkil għall-passiġġieri jkun minimu. Id-dettalji finali se jiġu kkonfermati fil-ġimgħat li ġejjin.

**20.10** **Xogħolijiet fi Triq Cassarino, parti minn Triq it-Turisti u toroq madwar (WSC).:**

Gew diskussi wkoll ix-xogħlijiet li ser isiru fuq is-sistema tal-ilma u tas-sistema tad-drenaġġ fiż-żona ta' Triq Cassarino, fid-direzzjoni tal-knisja parrokkjali ta' Qawra (Triq it-Turisti). Is-Sindku spjega dwar dawn ix-xogħlijiet, iżda qal ukoll li d-dettalji għadhom ma ġewx finalizzati.

**20.11** **Proposti dwar l-Air Show (27 u 28 ta' Settembru):**
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera dwar l-Air Show u ta xi dettalji li ġew diskussi fl-unika laqgħa li attenda.

Saret diskussjoni qasira dwar il-problemi tat-traffiku u l-loġistika li jinqalgħu minn dawn l-avvenimenti, partikolarment meta dawn isiru mingħajr konsultazzjoni meħtieġa.

**20.12** **Proposta ta' żvilupp - PA5607/25 (Xemxija) / PA 5252/25 (Burmarrad):**
Ġiet ddiskuta wkoll l-applikazzjoni ta' żvilupp PA5607/25. Is-Sindku spjega li, għalkemm inizjalment kien maħsub li l-applikazzjoni tinsab barra mill-limiti ta' żvilupp, fil-fatt ma kienx hekk. Madankollu, il-Kunsill Lokali xorta jemmen li n-natura u l-iskala ta' dan l-iżvilupp hija oġġezzjonabbli. F'dan il-każ diġà saret oġġezzjoni inizjali.

Iddiskuta wkoll l-applikazzjoni ta' żvilupp PA4199/24. Is-Sindku spjega li l-Kunsill Lokali kien diġà ressaq rappreżentazzjoni fuq l-applikazzjoni PC20/24.

B'rabta mal-applikazzjoni PA5252/25, li tikkonċerna talba għall-istabbiliment jew tqegħid ta' kiosk, il-Kunsill Lokali kien diġà ssottometta r-rappreżentazzjoni tiegħu. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali jżomm konsistenti mal-pożizzjoni tiegħu. Is-Sindku spjega li l-Kunsill Lokali ma joħroġx permessi għal dawn il-kiosks; madankollu, jista' jkun li dawn ikollhom liċenzja ta' hawker.

**20.13** **Ħlasijiet ta' permess u kontribuzzjonijiet marbuta maċ-ċentru ċiviku - Awtorità tal-Ippjanar:**

Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsill li ser jitħallsu l-pagamenti relatati mal-applikazzjoni ta' żvilupp għaċ-Ċentru Ċiviku sabiex il-proċess amministrattiv ikompli bil-kors normali tiegħu. Il-Kunsill Lokali qabel ma' din id-deċiżjoni, bl-eċċezzjoni tal-Kunsillier Raymond Tabone li vvota kontra, fuq il-prinċipju li ma jaqbilx mal-proposta għaċ-Ċentru Ċiviku *per se*.

**20.14** **Segwitu tal-laqgħa - Federazzjoni għat-Tkabbir tat-Tonn:**

Is-Sindku spjega li l-Kunsill Lokali —is-Sindku, il-Kunsillieri Connor, Rachel Williams, Sandra Gauci, u l-aġent Segretarju Eżekuttiv — ltaqa' mar-rappreżentanti tal-Federazzjoni għat-Trobbija tat-Tonn (Dr. Gouder u Sur Camilleri). Il-Kunsill Lokali ddiskuta l-preokkupazzjonijiet tiegħu, u fl-ebda ħin matul il-laqgħa, il-Federazzjoni ma ċaħdet dak li ġara. Il-Federazzjoni impenjat ruħha li tindirizza l-problema tal-*slime* li qed tirriżulta mill-għalf, permezz ta' titjib fil-ħażna u l-ipproċessar tal-għalf. Jidher li l-problema kienet ikkawżata minn żball uman.

Il-Kunsilliera Sandra Gauci matul il-laqgħa talbet li tiġi ppreżentata r-rapport tal-inċident u

ta’ inċidenti oħra simili. Saret diskussjoni dwar dan is-suġġett..

**20.15 Propost ta' Project Green, għal żvilupp/titjib tal- *Water Park*, Buġibba:**

Is-Sindku spjega wkoll li saret laqgħa ma’ Project Green dwar il-Water Park f’Buġibba. Ix-xogħlijiet se jsiru fl-istess perimetru. Id-diskussjoni inkludiet il-ġestjoni tat-traffiku, il-fatt li l-*Water Park* ser juża ilma baħar minflok ilma ħelu, u t-tisħiħ tas-sigurtà għat-tfal li jużaw il-faċilità. Id-dettalji se jkunu magħrufa fil-ftit xhur li ġejjin.

**20.16 Proposta għall-għeluq ta' toroq (darba fix-xahar) - Attivitajiet għat-tfal:**

Is-Sindku semma wkoll il-possibbiltà li jingħalqu xi toroq darba fix-xahar biex it-tfal ikunu jistgħu jilagħbu fit-triq għal ftit sigħat. Il-Kunsilliera ġew mistiedna jippreżentaw ideat dwar liema toroq jistgħu jingħalqu għal tali attivitajiet.

**20.17 Proposta ta' attivitajiet/ħarġiet għall-anzjani:**

Is-Sindku ħeġġeġ ukoll lill-Kunsilliera Mary Borg biex tippjana żjarat kulturali ta’ kull xahar għall-anzjani, u l-Kunsill Lokali qabel li jissussidja l-ispejjeż relatati ma’ dawn l-attivitajiet

**20.18 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Il-Kunsilliera Anne Fenech staqsiet għaliex il-karozza elettrika li nxtrat xi snin ilu mill-Kunsill Lokali mhix qed tintuża. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li, filwaqt li jaqsam dawn it-tħassib, se jitlob aktar informazzjoni, peress li kemm hu u kemm s-Sindku normalment jużaw il-mezzi ta’ trasport privati tagħhom stess.

**20.19 Approvazzjoni ta’ kontijiet u xiri ta’oġġetti/servizzi**

Ma kienx hemm

**20.20 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata. Il-mozzjoni biex jiġu approvati ġiet proposta mill-Kunsilliera Anne Fenech u ssekondata Kunsilliera Sandra Gauci.

**20.21 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20.35 u aġġornat għal nhar Ħamis 23 ta’ Ottubru 2025.

| | |
|---|---|
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |
| **Bjorn Bonello** | **Ċensu Galea** |